MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 62/2002/1

**Sergio MANARA, f'ismu personali kif ukoll in rappreżentanza tal-assenti (a) Alex Manara, (b) Thelma Maria Barton, (ċ) Raymond Manara u (d) Alexander Manara; Fiorella Grima, Marco Manara, John Ċilia La Corte, Diana Gatt u David Tonna**

**vs**

**Joseph BONELLO, Peter Bonello u Brian Bonello**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Jannar, 2002, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi flimkien ma' oħrajn huma l-proprjetarji ta' territorju magħruf bħala *Xagħra tal-Għattuka*, Bingemma limiti Rabat tal-kejl ta' ċirka erbgħa u sittin tomna (T.64) kif murija fuq l-anness pjanta Dok. "A";

Illi għalkemm l-atturi għadhom kif ottjenew sentenza ta' zgumbrament kontra Vincent Said li kien uzaha għall

kaċċa u insib, konfermata fl-Appell b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2001 dan l-aħħar skoprew li l-istess Vincent Said kien mingħajr il-permess tal-atturi u bil-moħbi tagħhom ta permess lill-konvenuti biex juzaw l-istess xagħra għal kaċċa u insib;

Illi wara s-sentenza tal-appell fil-konfront ta' Vincent Said l-atturi kienu inkarigaw lil certu Nazzareno Camilleri biex jieħu ħsieb l-istess xagħra izda dan sab lill-konvenuti jipprovaw ikkeċċuh u dana minkejja l-ittra uffiċjali tat-23 t'Awissu 2001 (kopja Dok. "B");

Illi ċertu Edgar Gatt, żewg l-attriċi Diana Gatt, kien ukoll ta permess lil xi ħbieb tiegħu biex jidħlu fl-istess xagħra għal kaċċa u insib u peress illi dawn il-persuni ġew imkeċċija mill-konvenuti li saħansitra allegaw drittijiet proprjetarji fuq l-istess xagħra kif jidher mill-ittra mibgħuta għan-nom tagħhom mill-Avukat Dr. Toni Abela datat 8 ta' Novembru 2001, kopja esebita bħala Dok. "C", u li minkejja l-ittra tal-atturi tal-14 ta' Novembru 2001 (kopja Dok. "D"), dawn il-konvenuti baqgħu jinsistu fuq l-allegati drittijiet proprjetarji tagħhom;

Illi l-atturi qed isofru danni minħabba l-pussess illegali tal-konvenuti;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti ma għandhomx titlu legali għall-okkupazzjoni tax-*Xagħra tal-Għattuka*, Bingemma, limiti Rabat, tordna l-izgumbrament tagħhom minnha fi żmien qasir u perentorju;

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' perit tekniku, d-danni dovuti lill-atturi minħabba l-okkupazzjoni illegali minnhom tal-istess *xagħra* b'effett mid-data li daħħlu, liema data tiġi stabbilita waqt it-trattazzjoni tal-kawża, sad-data tal-effettiv rilaxx;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti minn issa in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mressqin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-25 ta' Frar, 2002, li biha l-imħarrkin Bonello eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok ma hux ċar jekk l-atturi humiex qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni petitoria jew dik possessoria għaliex f'każ li qegħdin jeżerċitaw dik tal-aħħar allura, hekk hija dik prospettata taħt l-artikolu 534 tal-Kap 16 hija palesament perenta peress li l-azzjoni ma saritx fiż-żmien hemm imsemmi. F'kaz li hija dik prospettata mill-artikolu 535 tal-Kap 16 din hija wkoll palesament perenta għall-istess raguni u kwindi l- eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi jekk l-azzjoni hija l-"actio nei vendicatora" kwindi petitorja, ċ-ċitazzjoni tippekka in kwantokke hija defiċjenti minn talba sostanzjali f'kawżi ta' din ix-xorta u ċioe' dikjarazzjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' tal-atturi. Allura anke hawn l-eċċipjenti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit dato ma non concesso, li jiġu superati l-eċċezzjonijiet kollha preċedenti, l-atturi għandhom il-piż li jipprovaw permezz tal-"probatio diabolica" li huma l-proprjetarji tal-art in kwistjoni, liema prova trid tissodisfa l-kriterji kollha kif stabbiliti minn deċiżjoni ta' dawn il-Qrati "in materia". Fin-nuqqas it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

4. Illi t-talbiet kif konfezzjonati huma insostenibbli guridikament peress li huma ma humiex jokkupaw mingħajr ebda titolu, peress li mingħajr titolu jimporta okkupazzjoni li sa mill-bidu nett ma kenitx akkonsentita mis-sid u għad-dirittura meħuda bi vjolenza u dan kif ġie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati fost oħrajn fid-

deċiżjoni fl-ismijiet "Pawlu Formosa pro et - Gianni Vella", Avviż numru 40/95 per Maġistrat Michael Mallia u konfermata fl-appell. Kwindi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fid-dawl tat-talbiet kif magħmula;

5. Illi finalment bla preġudizzju għas-sueċċepit fil-mertu jiġi dikjarat li hija assurda u esagerata l-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenuti qegħdin jivvantaw xi pretensjoni fuq 64 tomna raba. Illi minn issa jiddikjaraw li l-pretensjonijiet tagħhom huma limitati għal ċirka tmien tomniet jew kejl verjuri, li ilhom okkupati minnhom b'titolu validu fil-liġi għal diversi snin u dan kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 ta' Marzu, 2002[1], li bih l-avukat tal-atturi iddikjara li l-azzjoni mibdija mill-klijenti tiegħu ma kinitx waħda ta' spoll imma ta' żgumbrament tal-imħarrkin minħabba nuqqas ta' titolu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Mejju, 2002, li bih tat lill-partijiet li jressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin, u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar dik l-eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Ġunju, 2002[2];

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-atturi fis-17 ta' Lulju, 2002[3], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-17 ta' Lulju, 2002[4], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Pa[. 18 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 23 sa 28 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 29-30 tal-pro`ess
[4] Pa[[. 31 sa 44 tal-pro`ess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' tkeċċija minn fond u ħlas ta' danni. L-atturi qegħdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-imħarrkin qegħdin iżommu art tal-atturi bla ebda titolu li jiswa; li tordna t-tneħħija tal-imħarrkin minn dik l-art u li tgħaddi biex tillikwida d-danni li l-atturi qegħdin iġarrbu minħabba ż-żamma bla jedd tal-imsemmija art min-naħa tal-imħarrkin;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, fost l-oħrajn, qegħdin jgħidu li (a) jekk l-azzjoni hija waħda possessorja, ma saritx f'waqtha; u li (b) jekk hija petitorja, ma tiswiex għaliex l-atturi naqsu li jagħmlu talba speċifika għal dikjarazzjoni li l-proprjeta' in kwestjoni hija tagħhom. Huma ressqu wkoll eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Illi din is-sentenza sejra tqis biss it-tieni waħda mill-eċċezzjonijiet, kif hemm imsemmi fil-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2002. Dan qiegħed jingħad għaliex, minkejja dak il-verbal, l-imħarrkin ressqu Nota ta' Osservazzjonijiet li fiha ttrattaw dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom ukoll;

Illi l-Qorti qegħda tagħmel riferenza wkoll għad-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tat-13 ta' Marzu, 2002, li biha tenna li l-azzjoni attriċi ma kinitx waħda possessorja;

Illi fin-Nota studjata tagħhom, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni eċċezzjoni mqanqla minnhom, l-imħarrkin jgħidu li l-atturi jonqsu meta ma jitolbux - kif mhux miċħud li ma talbux - dikjarazzjoni mill-Qorti li huma s-sidien tal-art in kwestjoni. L-imħarrkin jgħidu li l-atturi naqsu li jagħmlu dan għaliex jemmnu li l-atturi kellhom f'moħħhom azzjoni possessorja u mhux waħda petitorja;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jwieġbu billi jgħidu li l-għażla ta' x'azzjoni irid jiftaħ attur hija għażla li tinsab biss f'idejh, u m'huwiex l-imħarrek li għandu jagħżel x'jaħseb li messu ried min ħarrku. Dak li jrid l-attur għandu jirriżulta mill-mod kif inhija mfassla l-kawża. Huma jisħqu li l-azzjoni tagħhom qatt ma setgħet kienet waħda

possessorja, għar-raġuni sempliċi li huma ma kinux fil-pussess tal-art li minnha jridu joħorġu 'l barra lill-imħarrkin. Huma jżidu jgħidu li billi l-kwestjoni ta' proprjeta' diġa' ġiet definita b'sentenza oħra ta' din il-Qorti, ma kienx meħtieġ li terġa' tintalab speċifikament dikjarazzjoni li huma s-sidien: il-kawża tagħhom hija ibbażata fuq iż-żewġ premessi fundamentali li huma s-sidien u li l-imħarrkin m'għandhomx titolu validu biex jibqgħu jżommu l-art f'idejhom;

Illi għar-rigward tal-argument tal-atturi fis-sens li ma kienx hemm il-ħtieġa li jitolbu dikjarazzjoni li huma sidien għaliex diġa' kellhom deċiżjoni b'sentenza oħra m'huwiex argument tajjeb. L-atturi għamlu riferenza għal sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2001, biex isostnu dan u ressqu wkoll kopja tagħha. Imma huwa evidenti - u dan jistqarruh l-atturi wkoll - li l-imħarrkin tal-lum ma kinux parti minn dawk il-proċeduri. Huwa prinċipju ewlieni fid-dritt li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza[5]. Il-ħtieġa jew le li l-atturi jitolbu dikjarazzjoni li huma sidien tiddependi minn konsiderazzjonijiet oħrajn, kif sejjer jingħad iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza;

Illi, min-naħa l-oħra, filwaqt li jista' jingħad li l-argument imressaq mill-imħarrkin huwa mibni fuq stqarrija ċara u ineċċepibbli tal-punti dottrinali u prinċipji stabiliti tad-dritt fil-kwestjoni, fil-fehma tal-Qorti ma jsibx raġun u siwi fiċ-ċirkostanzi tal-kawża preżenti. Huwa għal kollox minnu li t-tagħlim tal-awturi l-aktar segwiti u tas-sensiela ta' sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna stabilew il-ħtieġa li, f'azzjoni ta' rivendika, l-attur (u hu biss) jeħtieġlu juri sa grad aċċettabbli li hu sid il-ħaġa li jrid jieħu lura mingħand min qiegħed iżommha. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, hemm differenza fondamentali bejn <u>il-ħtieġa li tagħmel prova</u> tat-titolu u <u>l-ħtieġa li wieħed jitlob li jiġi dikjarat li huwa s-sid</u>. Il-fatt li attur ma jitlobx dikjarazzjoni li huwa sid il-ħaġa li jrid jieħu lura mingħand l-imħarrek, ma tnaqqas xejn mill-ħtieġa li huwa għandu li juri lill-Qorti b'mod ċar li hu sidha.

[5] Art 237 tal-Kap 12

Is-sentenzi kollha msemmija mill-imħarrkin fin-Nota tagħhom jisħqu fuq il-ħtieġa tal-prova u mhux fuq il-ħtieġa tat-talba li l-attur ikun dikjarat sid l-oġġett rivendikat. Tali dikjarazzjoni hija insita fl-oġġett innifsu tal-azzjoni;

Illi, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati tagħna, id-dikjarazzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt għamla ta' talba, imma biżżejjed li ssir talba biex tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni meħtieġa skond il-prattika[6]. Fil-każ preżenti, l-atturi jiddikjaraw sa mill-ewwel premessa tal-att taċ-ċitazzjoni li huma sidien tal-art, flimkien m'oħrajn, u tali premessa jmissha tiġi ppruvata qabel mal-Qorti tista' tqis l-aspetti l-oħrajn tal-ewwel talba, għaliex hija fuq is-saħħa ta' prova tajba biżżejjed ta' proprjeta' li l-atturi jistgħu jippretendu li l-Qorti tistħarreġ jekk hux minnu li l-imħarrkin m'għandhomx titolu għall-art mertu tal-kawża. Kif sewwa jgħidu l-imħarrkin fin-Nota tagħhom, sakemm l-atturi ma jwettqux tali prova ta' proprjeta' (l-imħarrkin) ma għandhom għalfejn jippruvaw xejn huma;

Illi dan kollu jdur mad-distinzjoni li trid issir bejn ċtt ġudizzjarju li jgħodd u l-għamla ta' provi li jridu jitressqu biex att ġudizzjarju jwassal għal eżitu favorevoli għal min ressqu. L-eċċezzjoni taħt eżami timmira li twaqqa' l-att taċ-ċitazzjoni fuq il-forma tiegħu, u għaliex jingħad li huwa defiċjenti minn talba sostanzjali. Eċċezzjoni bħal din, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati tagħna li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[7], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[8]. Fil-fehma tal-Qorti, l-att taċ-ċitazzjoni mressaq mill-atturi ma għandux fih nuqqas ta' din l-

---

[6] Ara, per e\empju, App. ~iv. **28.6.1948** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gasan vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.666**); App. ~iv. **12.3.1990** fil-kaw\a fl-ismijiet ***George Vassallo et vs Julian Sammut***; P.A. **27.6.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bongailas vs Magri;*** u App.~iv **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ammit et vs |ammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

[7] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[8] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

għamla li bih jista' jew għandu jitwaqqa' dak l-att, kif qegħdin jippretendu l-imħarrkin;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin billi mhix mistħoqqa fid-dritt, u tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni kif imfassal jiswa;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż dwar din l-eċċezzjoni; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**17 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**17 t'Ottubru, 2002**